



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Diċembru 2020  
(OR. en)

13513/20

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2020/0337 (NLE)**

---

**AVIATION 226**  
**RELEX 957**  
**MD 2**  
**NIS 19**  
**OC 14**  
**COEST 256**

#### **ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt stabbilit permezz tal-Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Moldova fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Komitat Konġunt

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/...**

**ta'...**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea  
fil-Kumitat Konġunt stabbilit permezz tal-Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni  
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Moldova  
fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Moldova<sup>1</sup> (“il-Ftehim”) ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/951<sup>2</sup> u daħal fis-seħħ fit-2 ta’ Awwissu 2020.
- (2) L-Artikolu 22 tal-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt magħmul mir-rappreżentanti tal-Partijiet (‘il-Kumitat Konġunt’) biex jiżgura l-amministrazzjoni u l-implimentazzjoni xierqa tal-Ftehim.
- (3) L-Artikolu 22(3) tal-Ftehim jipprevedi li l-Kumitat Konġunt irid jadotta r-regoli ta’ proċedura tiegħu.
- (4) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tal-Ftehim, jenħtieġ li r-regoli ta’ proċedura tal-Kumitat Konġunt jiġu adottati.
- (5) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f’ isem l-Unjoni fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat Konġunt, peress li d-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt li tadotta r-regoli ta’ proċedura tiegħu ser ikollha effetti legali għall-Unjoni. Jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt tkun ibbażata fuq l-abbozz ta’ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> ĠU L 292, 20.10.2012, p. 1.

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/951 tas-26 ta’ Ġunju 2020 dwar il-konklużjoni, f’isem l-Unjoni, tal-Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Moldova (ĠU L 212, 3.7.2020, p. 8).

## *Artikolu 1*

1. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 22 tal-Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Moldova, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt<sup>1</sup>.
2. Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt jistgħu jaqblu ma' tibdiliet minuri fl-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

## *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

---

<sup>1</sup> Ara d-dokument ST 13515/20 fuq <http://register.consilium.europa.eu>